l-orizzont – Is-Sibt, 18 ta' Lulju, 2009

# Tkompli l-ġimgħa traġika

1 » Dak il-ħin fuq il-jott barra Cassar kien hemm ħaddiem ieħor Malti u membri tal-ekwipaġġ li huma barranin.

F'daqqa waħda Cassar deher jieħu xokk elettriku u sieħbu prova jiġbdu imma Cassar baqa' mwaħħal. Għaldaqstant sieħbu tefa' l-kurrent u Cassar ħa tisbita.

Kien sieħbu stess li ċempel għall-għajnuna fejn fuq il-post marret ambulanza b'infermiera li bdiet mill-ewwel il-messaġġ fuq qalbu (CPR). Il-post fejn kien qed jaħdem Cassar ma kienx faċli għall-infermiera minħabba li kien fil-qiegħ tal-jott fejn hemm il-magni.

Wara li t-tim tal-ambulanza ħareġ lil Cassar huwa baqa' jingħata s-CPR fl-ambulanza. Minkejja t-tentattivi ddisprati mill-infermieri biex isalva l-ħajja ta' Dennis Cassar, huwa miet fi triqtu lejn l-Isptar Mater Dei.

Kien madwar siegħa wara l-Pulizija saru jafu li kien seħħ dan l-aċċident fatali. Sorsi qrib l-Isptar Mater Dei qalu lil **l-orizzont** li kien il-Pulizija li kien xogħol fl-Emerġenza li meta ra li ma kien hemm ħadd mill-kollegi tiegħu, kif jiġri normalment meta jseħħ każ serju, li informa lid-Depot li madwar siegħa qabel kien iddaħħal raġel mejjet kawża ta' xokk elettriku.

Għaldaqstant ġew informati l-Pulizija fl-Għassa tad-Distrett ta' Bormla fejn fuq il-post marru l-Ispettur Fabian Fleri flimkien mas-Surġent Isabelle Camilleri u l-Kuntistabbli Charles Fiteni. Aktar tard mar il-Maġistrat Dr Lawrence Quintano li mexxa aċċess fuq il-jott 'Sanssoucci Star'. Huwa ħatar lit-Tabib Forensiku Mario Scerri, il-Professur Joseph Agius u lil Dr Reno Borg bħala esperti tal-Qorti flimkien mal-uffiċjali tax-Xena tar-Reat (**ritratt**).

Dan kien il-ħames aċċident fatali fuq il-post tax-xogħol din is-sena u l-ħames fatalità din il-ġimgħa.

*pisani.journalist@gmail.com*
*http://www.johnpisani.net*








# Malta tħeġġeġ lill-Isvezja tagħti prijorità lill-immigrazzjoni illegali fuq l-aġenda tal-UE

● Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin Tonio Borg il-bieraħ ħeġġeġ lill-Ambaxxattriċi Svediża għal Malta, Ulla Gudmondson, biex pajjiżha jpoġġi l-immigrazzjoni illegali fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea ħalli jitnaqqas il-piż li qegħdin iġorru Malta u l-pajjiżi Mediterranji milqutin minn dan il-fenomenu.

Huwa għamel dan l-appell waqt laqgħa li ġiet organizzata l-bieraħ mill-Ambaxxata Svediża għal Malta u l-MEUSAC fejn matulha l-Ambaxxattriċi Svediża tkellmet dwar it-tliet prijoritajiet ta' pajjiżha fil-perjodu li se jkollha f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Wara li fl-ewwel sitt xhur tas-sena l-Presidenza kienet f'idejn ir-Repubblika Ċeka, bejn Lulju u Diċembru din se tkun f'idejn l-Isvezja peress li kull sena l-istati membri jalternaw bejniethom it-tmexxija tagħha. Malta se jkollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bejn Jannar u Ġunju 2016.

Waqt li ħeġġiġha biex pajjiżha jara li l-immigrazzjoni illegali tingħata prijorità f'dawn is-sitt xhur, il-Ministru Borg qal ukoll li Malta hija ħerqana li taħdem mal-Isvezja u sostna li l-Gvern Malti jaqbel mat-tliet prijoritajiet tagħha li huma l-ekonomija, l-impjiegi u t-tibdil fil-klima.

Huwa saħaq ukoll li l-Unjoni Ewropea trid tibqa' tipprepara lilha nnifisha biex tilqa' fi ħdanha iktar membri.

Min-naħa tagħha l-Ambaxxattriċi Svediża qalet li l-Unjoni Ewropea trid toħroġ mill-kriżi ekonomika iktar b'saħħitha u għalhekk pajjiżha fit-tmexxija tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se jaħdem biex tonqos ir-rata tal-qgħad u iktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Dwar it-tibdil fil-klima, Gudmondson qalet li din mhijiex biss sfida tal-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea u għalhekk jeħtieġ li iktar pajjiżi jingħaqdu magħha fil-ħarsien tal-ambjent.


QABEL ISSIEFER
ĦU ĦSIEB LI...

Il-Passaport huwa validu?

Meta tkun qiegħed tippjana safra, iċċekkja minn qabel li d-dokumenti tal-ivvjaġġar tiegħek huma kif suppost, u partikolarment ara li f'idejk ikollok passaport validu. Tinsiex li l-passaport huwa ċ-ċavetta biex issiefer f'postijiet li m'humiex fiż-żona Schengen. Il-Passaporti għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba, u m'għandhomx ikunu mħassrin bl-ebda mod, per eżempju mħażżin b'xi paġni nieqsa jew imqattgħin. Ħafna pajjiżi jafu ma jħallukx tidħol b'dokumenti f'dawn iċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk xi pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea jistgħu ma jħallukx tidħol jekk il-passaport ma jkollux mill-inqas sitt xhur validita' qabel jiskadi.

Tinsiex li l-Passaport huwa dokument personali. Żommu dejjem miegħek meta ssiefer u poġġieħ f'post sikur. Jekk jinsteraqlek jew titilfu waqt li tkun imsiefer, l-Ambaxxata jew il-Konsolat tagħna joħorġulek dokument tal-ivvjaġġar temporanju li tkun tista' tirritorna lura Malta, iżda ma jkunux jistgħu joħorġulek passaport ġdid.

Biex tiffaċilita' l-ħajja f'każijiet simili, żomm separatement mill-passaport xi forma oħra ta' dokument li jaċċerta l-identita' tiegħek, bħal Karta tal-Identita jew liċenzja tas-sewqan. Żomm ukoll żewġ kopji tal-paġni tal-passaport fejn hemm ir-ritratt u d-dettalji tiegħek, u żommhom separati mill-passaport. It-tieni kopja tiegħa lill-xi qraba jew ħbieb li jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt miegħek.

Ftakar li huwa importanti għalhekk li wieħed jiċċekkja x'għandu bżonn sewwa waqt li qed jippjana safra. Għall-aktar kumdita', il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ippubblika il-ktejjeb ta' gwida, 'Qabel Issiefer', biex jgħinek tipprepara ruħek sewwa qabel tivvjaġġa, u fl-istess waqt tkun tista' ġġorru miegħek kull fejn issiefer.

Dan il-ktejjeb, ippubblikat bil-Malti u bl-Ingliż, jista' jinkiseb minn dawn il-postijiet: Mill-Middlesea Insurance; mill-European Institute of Education; mill-Airmalta u mill-Banif Bank.

Fl-istess waqt tinsiex iżżur il-websajt tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fuq www.foreign.gov.mt sabiex iżżomm ruħek aġġornat!

www.foreign.gov.mt

MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN


# Żgumbrati minn "Nissen Huts"

● Persuni li ilhom diversi snin jokkupaw illegalment "Nissen Huts" li jinsabu fil-Foss ta' San Klement f'Bormla ġew żgumbrati mid-Dipartiment tal-Artijiet.

Waqt din l-azzjoni, instabu numru ta' vetturi u l-Pulizija qalet li qiegħda tinvestiga jekk dawn il-karozzi setgħux kienu misruqin.

Wara li fil-jiem li għaddew, intbagħtet ittra lil kull individwu, dawn tħallew ineħħu l-affarijiet personali tagħhom minn fuq il-post.

Il-Fondazzjoni Wirt Artna fi stqarrija faħħret l-azzjoni li ttieħdet f'dawn it-tined eks-militari li kienu jintużaw bħala mħażen wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Fondazzjoni qalet li wasal iż-żmien li dawn it-tined jitneħħew billi jiġu żarmati u jintużaw fi proġetti ta' restawr ta' strutturi simili li għadhom jeżistu f'postijiet oħrajn u fejn jixirqu aktar bħal fil-Mużew tal-Avjazzjoni jew il-Mitjar tal-Qrendi li huwa l-aħħar wieħed tax-xorta tiegħu minn żmien il-gwerra.